# 80 SENA TA' SCOUTING F'BORMLA

Meta Bormla rat it-twelid tal-Grupp tagħna 80 sena ilu, il-belt tagħna kienet ferm differenti minn kif nafuha llum. L-Ewwel Gwerra Dinjija kinet fl-eqqel tagħha. Għalkemm Malta ma sofrietx attakki u t-Tarzna kienet qed timpjega mat-13,000 ruħ, dawn kienu snin ta' għaks u skarsezzi. F'Bormla kien hawn joqogħdu mas-16,000 ruħ. Fost dawn kien hawn minn kollox: nies għonja u fqar, professuri u ħaddiema. Kien hawn ħafna djar kbar u lussużi, imma kien hawn numru kbir ta' nies jgħixu fi griebeġ, kantini u kmamar fis-swar. L-iScouting kien ilu li beda f'Malta mill-1908 u l-ewwel Truppa fil-Kottonera twaqqfet fid-*Dockyard School* fl-1912. Fl-1916 infetħet Truppa fil-Birgu. Kien wasal iż-żmien li xi ħadd jiftaħ Truppa f'Bormla.

Din il-biċċa xogħol daħlu għaliha Mikiel Agius, għalliem ta' 23 sena u Assweru Scicluna, għalliem ieħor fl-iskola primarja ta' Bormla, li flimkien organizzaw Truppa fl-istess skola. Din it-Truppa ġiet iffurmata fl-10 ta' April 1917 u ġiet irreġistrata fl-14 ta' Mejju 1917. It-Truppa bdiet b'36 membru u s-Sur Agius ingħata l-kariga ta' Scout Master. Bħala assistent kellu lil Victor Cauchi. Is-sinjuri Joseph Pavia (iż-żużu) u Leli Cauchi (iċ-Ċimbloru), żewġ membri tat-Truppa



L-ewwel truppa ta' Bormla - 1917. Fin-nofs jidhru J. Cauchi, M. Agius, A. Scicluna u S. Zammit.

oriġinali, dejjem tkellmu fuq it-Truppa bħala waħda tajba. Mikiel Agius kien jgħid li l-għażla tal-kuluri għall-maktur tal-Grupp, nofsu blu u nofsu aħmar, kienet li, il-blu għal Bormla u l-aħmar għal Ħal Qormi – raħal twelidu!

Madwar l-1920 t-tmexxija tal-Cospicua Troop għaddiet f'idejn Pawlu Grima Mifsud. Hawn it-Truppa bdiet fażi ġdida fl-istorja tagħha. Dan insibuh fid-djarju ta' Arturo (Turu) Dimech, ex-Scouter ieħor tal-Grupp. Dimech daħal fit-Truppa fl-1920, fl-età a' 12-il sena, u sikwit jirreferi għat-Truppa ta' qabel l-1920 bħala "it-truppa l-antika". Kienu jiltaqgħu f'xi kmamar fis-sur ta' Santa Liena. Dak iż-żmien kien hemm il-mina għan-nofs biss, it-tnejn tal-ġenb infetħu wara l-aħħar gwerra. L-i*Scouts* kienu qegħdin fejn fil-preżent hemm il-mina tal-lemin (inti u ħiereġ). Kienu joħorġu jagħmlu l-iscout signs (tracking) u tagħlim neċessarju ieħor. Bħala miżata kienu jħallsu sitt ħabbiet (2 mils) fil-ġimgħa. Maż-żmien, mat-Truppa żdiedu wkoll il-Wolf Clubs u r-Rovers u kull section kien ikollha l-Leader tagħha, li flimkien kienu jmexxu l-Group.

Pawlu Grima Mifsud laħaq l-ewwel Group Scout Master tal-Group (illum G.S.L.) wara li fl-1928, l-awtoritajiet f'Londra, iddeċidew li kien ikun aħjar jekk kull Group ikollu kap wieħed fuq l-oħrajn kollha. Ħafna antiki jgħidu li bħala G.S.M., Pawlu Grima Mifsud kellu entużjażmu kbir.

Avveniment importanti fl-istorja tal-Grupp seħħ fl-1928 meta banda ta' dilettanti taċ-ċirimelli ingħaqdet mal-Grupp. Din il-banda, magħrufa bħala tal-Kanun, kienet ġiet iffurmata taħt l-influwenza ta' xi reġimenti Skoċċiżi li kienu stazzjonati f'Bormla. Darba libsu ta' Skoċċiżi u ħadu sehem fil-Karnival. Ħafna Scouts bdew jinġibdu lejn din l-għaqda u maż-żmien, din il-banda bdiet tieħu ħafna mill-membri tal-Grupp. Meta ra hekk, il-G.S.M. aċċetta li l-banda tissieħeb fil-Grupp. F'qasir żmien, ħafna mill-membri ġew lura u ġew oħrajn ġodda magħhom.

Matul it-tletinijiet, l-iScouts kellhom iħabbtu wiċċhom ma' problemi ġodda. Il-kwistjoni politiko-reliġjuża ta' dawk iż-żminijiet keddet sewwa lill-iScouts. Darba l-Grupp kien mistieden l-Isla biex jieħu sehem f'dimostrazzjoni reliġjuża. F'din l-okkażjoni kien tkellem Patri Paris. Wara li spiċċat il-konferenza, il-banda u l-Group immarċjaw fuq quddiem tal-korteo. Fis-saħna tal-mument, Patri Paris ġie mgħolli fuq l-idejn u bdew jimxu bih wara l-iScouts. Sar ħafna tgħajjir kontra Lord Strickland u Grima Mifsud irċieva twiddiba mill-I.H.Q. biex ma jidħolx f'affarijiet bħal dawn!

L-i*Scouts* riedu jħabbtuha wkoll mal-Balilla, għaqda ta' żgħażagħ Faxxisti mwaqqfin għall-iskop ta' tixrid ta' propaganda. Dak iż-żmien kien hawn piki kbar bejn dawk li kienu favur l-Ingliżi u dawk li kienu favur it-Taljani. Kienu jingħataw uniformijiet b'xejn u kienu jittieħdu vaganzi l-Italja b'xejn ukoll.

Mill-1934, il-Gruppi ta' l-iScouts bdew jingħataw għajnuna kbira mill-Gvern

Ingliż. Il-Grupp tagħna kiber sewwa u nsibu li f'Rallies li kienu organizzati f'Bormla, spiss kien jinqabżu l-100 membru. F'dan iż-żmien insibu bħala membri fil-group lil nies bħal Nikola Mangani, Johnny Degiorgio, l-aħwa Cachia (ħamsa lkoll membri fil-Group), harry harmer, v. Dougall Formosa, A. Tabone, J. Pisani, il-ħamest aħwa Scicluna u Leli Portelli. Bdew deħlin ukoll tfal ta' familji Ingliżi li kienu joqogħdu f'St. Nicholas' Married Quarters u anke Kordin. F'dawn iż-żminijiet ukoll, insibu li Carmelo Mifsud Bonnici, il-Gross, intalab u aċċetta li jservi bħala Patrun tal-Grupp.

Ġrajja sabiħa għall-Grupp ta' Bormla seħħet fl-1932 meta wieħed mill-aħwa Cachia, Joseph, li kien Cub Scout, kien ix-Xatt ta' Bormla meta ra lit-tifel tar-Rover Mate G. Allison qiegħed jegħreq. Joseph qabeż għalih u salvah. Din il-bravura dehret fil-gazzetta *Malta Chronicle* u l-Association kitbet l-IHQ f'Londra. Cachia ingħata l-Gilt Cross. Sar Rally kbir f'Santa Margherita u kien il-Gvernatur ta' Malta stess li ppreżenta l-midalja lil dan il-Wolf Cub qalbieni.

Il-Grupp ħa sehem ukoll fir-Rally li sar ad unur Lord Baden-Powell, il-fundatur ta' l-iScouts, meta dan żar Malta fl-1934. Tissemma wkoll il-Grimana. Din kienet Rally-Parade kbira organizzata mill-G.S.M. Grima Mifsud. Il-Grupp tela' bil-banda lejn il-Knisja Parrokkjali għall-quddies tat-tmienja u wara reġgħu lura lejn il-H.Q. għat-tè. Wara mmarċjaw lejn il-pjazza ta' Santa Margherita. Kienu mistiedna l-Island Commissioner – il-Kurunell Percy worrall u l-istaff kollu ta' l-H.Q. Saru displays mill-Cubs, Scouts u l-banda. Kien hemm preżenti wkoll il-gruppi tal-Kottonera u mmarċjaw lejn il-wesgħat ta' ħdejn Verdala (fejn illum hemm masġar kbir). Hemm sabu l-kampijiet armati u kellhom ikla kbira. Wara l-ikla saru sports għall-membri kollha tal-gruppi tal-Kottonera. F'Rally ieħor li sar Bormla fil-15 ta' Marzu 1936, insibu li l-Group ta' Bormla kien laħaq il-102 membri. Dakinhar, il-gruppi tal-Kottonera iltaqgħu flimkien biex isellmu lil Kurunell Worrall, l-Island Commissioner li kien ser iħalli l-gżira.

Il-Kampjiet u l-ħikes kienu attivitajiet spissi. Postijiet bħat-Torri tax-Xgħajra, Wied il-Għajn, il-Bidni, il-Bajja ta' San Tumas, San Ġorġ ta' Birżebbuġa, Delimara, Ts-Silġ u Marsaxlokk, kienu ferm popolari ma' l-iScouts ta' qabel il-gwerra. Għall-kamp kienu jmorru bil-karettun miġbud bl-idejn. X'aktarx li dawn il-kampijiet kienu jsiru matul il-*week-end* biss. Darba sa telgħu kamp ġewwa Wied Inċita.

Bħala membri ta' dawk iż-żminijiet insibu l-aħwa Mangani, Leli Cachia, George Alison, Oliver Zerafa. Harry Harmer kien sar ASM, Nikola Mangani kien daħal fin-Navy. L-aħwa Ramiro u Oliver Scilcuna telgħu fit-Troop. Uħud minn dawn in-nies għadhom ħajjin sa llum. Inseħmu wkoll lid-Dentist De. Charles Boffa, li għandu tifkiriet sbieħ tal-Group.

Lejn tmiem is-snin tletin beda jinħass ir-riħ tal-Gwerra. Beda r-reklutaġġ ta' l-A.R.P. (Air Raid Precautions) u t-taħriġ fl-użu tal-maskri tal-gass. L-iScouts taw sehem sħiħ f'dawn il-prekawzjonijiet. L-ewwel skoss ikrah għall-Group ġie meta l-kamra ta' isfel ittieħdet mill-Gvern biex tinbidel f'First Aid Outpost. Xi Rovers ġew miġbura bil-lieva. Turu Dimech u Scouts oħra daħlu fl-A.R.P. Ma' l-ewwel attakki mill-ajru fil-11 ta' Ġunju 1940, qam paniku kbir u n-nies bdiet ħierġa mill-Kottonera. Wara xi xhur, is-sitwazzjoni kkalmat xi ftit u ħafna nies reġgħu lura. Ma damux wisq biex jerġgħu jitilqu meta fl-1941 faqqgħet il-qilla tal-Ġermaniżi. Bormla saret belt fantażma u fl-1942, il-Grupp kellu jagħlaq il-bibien tiegħu. Ħafna mill-*equipment* inġarr f'post fejn il-mina ta' l-Isla li kien magħruf bħala l-Pitkalija (fejn illum hemm il-*parking area* tat-Tarzna). Il-bqija tal-H.Q. ittieħed mill-Gvern u minbarra First Aid Outpost, il-post għamel żmien użat bħala skola taħt il-ħarsien tal-Kanonku Dun G. Cassar u s-Surmast Vella ta' l-iskola ta' Bormla. L-ewwel membri tal-Group li mietu fil-gwerra kenu l-Wolf Cub Charlie (Nenu) Harmer (ħu l-ASM Harry Harmer), li miet mirdum u Rover Scout Sonny Lautier, li kien baħri f'Sant Anġlu.

Wara l-1943, Malta bdiet tistejqer mill-attakki u minn fost l-iscouters, George Kent ħa l-inkarigu li jerġa' jiftaħ il-Group. Ma tantx dam wisq, għax mar lejn il-Kalkara bħala G.S.M. tal-Grupp tal-lokal. Fl-1946, Frank Grillo, Scouter mill-Group ta' l-Isla, beda jlaqqa' l-Grupp ta' Bormla f'kantuniera bejn Triq San Ġorġ u Triq San Ġużepp. L-i*Scouts* ma setgħux imorru fil-H.Q. l-antik għax fl-inħawi ta' Santa Liena kien hemm ħerba sħiħa u l-H.Q. kien għadu f'idejn l-awtoritajiet tas-saħħa. Bħala pubbliċità sar Scout Day Rally fi Pjazza Santa Margherita. Għal din ir-Rally kien hemm preżenti l-gruppi ta' l-Isla, il-Birgu, St. Edwards's College, De La Salle College, Kalkara, Marsaxlokk u sintendi Bormla. Wara ftit Grillo rriżenja wkoll u minfloku daħal Robert Alden. Fil-Gwerra, il-Grupp tilef kull ma kellu – kemm dak li kien hemm maħżun Santa Liena u kemm dak li kien hemm fuq San Pawl. Hawn ta' min jgħid li l-Gruppi kollha tal-Kottonera kienu bis-sombra ta' dak li kienu qabel il-gwerra. Biex tagħqad, Pawlu Grima Mifsud miet ħesrem fl-1947, fl-età ta' ħamsin sena. L-iScouters tal-Grupp kellhom jaraw x'jagħmlu biex ma jħallux il-Grupp jiżżarma. Il-Grupp ftit ħa ruħ u b'inizjattiva ta' Harry Harmer u oħrajn, John Brincat li kien telaq minn mal-Grupp ta' Raħal Ġdid biex jissieħeb ma' ta' Bormla beda jieħu r-riedni f'idejh.

John Brincat ħa t-tmexxija tal-Group fl-1948, wara r-riżenja ta' Bobbie Alden. Dak iż-żmien il-Grupp ma kienx għaddej minn żmien sabiħ. F'qasir żmien bdiet ħidma biex it-tfal Bormliżi jerġgħu jibdew jersqu lejn l-i*Scouts*. Reġgħet twaqqfet il-banda biċ-ċirimelli u ttieħdet id-deċiżjoni li jkunu t-tfal stess li jdoqqu f'din il-banda. Kienu nxtraw xi sturmenti u anke nħadmu xi ċirimelli! Fost l-ewwel grupp ta' Socuts li ħarġu jdoqqu ċ-ċirimelli nsibu lil Joe Borg, Salvu u Rafel Ellul, Joe

Gouder, Eddie Harmer u Joe Pace. Twaqqaf ukoll kumitat biex jgħin lill-iScouts f'dak kollu li jkun hemm bżonn. Il-Perit Dom Mintoff, li dak iż-żmien kien Ministru tax-Xogħlijiet u Rikostruzzjoni fil-Gvern ta' Boffa, intalab u aċċetta li jservi bħala *patron*. Bis-saħħa t'hekk, malajr intbagħtu l-ħaddiema tal-Gvern li rranġaw l-unika kamra li kienet isservi ta' H.Q. Iż-żewġt ikmamar l-oħra kienu ttieħdu biex tinfetaħ waħda mill-mini l-ġodda ta' Santa Liena. Il-membri tal-Kunsill kienu ċ-Chariman Toninu Scicluna (li kien ukoll President tal-Każ^n tal-Banda San Ġorġ), Joe Rizzo bħala segretarju, Carmelo Galea Scannura bħala teżorier u J. West, J. Vassallo, G. Grace u G. Gauci bħala membri.

Is-sur Brincat fittex ukoll li jsewwi d-differenzi li kien hemm mal-Kapitlu ta' Bormla, differenzi li kienu ilhom ġejjin mill-kwistjoni politiko-reliġjuża tat-tletinijiet. Il-Kanonku Dun Edward Zerafa ġie appuntat bħal *chaplain* u l-iScouts bdew jakkumpanjaw purċissjonijiet reliġjużi. Matul il-vista pastorali li għamel f'Bormla fl-1949, l-Arċisqof Gonzi ttieħed iżur l-iScouts fil-H.Q. tagħhom.

Bdew isiru wkoll il-kampijiet. Fl-1948, sar l-ewwel kamp ta' wara l-gwerra fil-Bajja ta' San Tumas. Hemm qattgħu tlitt ijiem flimkien taħt il-kanvas. Skond rapport miktub mis-Sur Brincat, li deher fit-'Times of Malta' taħt il-firma ta' *Skymaster*, din kienet esperjenza unika għat-tfal, li xi wħud minnhom kienu qattgħu l-gwerra jgħixu taħt l-art!

Bħala Leaders ta' dak iż-żmien insibu lil Oliver Zerafa, li kien *Cub Master*, Harry Harmer *Scout Master*, A. Gouder u J. Tonna bħala *Assistant Scout Masters* u A. Pace bħala *Acting Rover Scout Leader*. Leli Formosa ġie appuntat bħala Band Leader.

Il-ħajja f'Malta bħala kolonja Ingliża, speċjalment fl-ibliet ta' madwar il-port kienet iddur mal-ħtiġijiet tal-Flotta. Dawn il-konnessjonijiet kienu ferm utli biex wieħed jakkwista apparat li fil-parti l-kbira tiegħu għadna nużawh sa llum. Ħarsa lejn il-korrispondenza ta' dak iż-żmien turi li s-Sur Brincat, permezz ta' din il-konnessjoni, ipprova jikseb l-aħjar għall-Grupp. Ma kenux jonqsu l-kampijiet fi proprjetà tas-servizzi u xi żjara fuq vapuri tan-Navy. Insemmu per eżempju d-*day cruise* li għamlu l-i*Scouts* fuq HMS Vanguard, l-aħħar *battleship* tal-flotta Ingliża, f'Mejju ta' l-1949. L-i*Scouts* ittieħdu abbord mill-Kalkara u salpaw 'il barra sakemm Malta ma baqgħetx tidher aktar. Wara nofsinhar assistew għal eżerċizzju ta' sparar bil-kanuni kbar ta' 15-il pulzier. Meta ġew biex jidħlu lura, il-baħar kien imqalleb u kellhom jidħlu Marsaxlokk! Ġie appuntat ukoll *Patron Ship* għall-Grupp tagħna. Qabel il-gwerra kellna patrun il-Cruiser HMS Despatch, mit-3rd Cruiser Squadron. Wara l-gwerra nsibu d-Destroyers HMS Mermaid u HMS Cleopatra.

L-akbar proġett li baqa' jberren f'moħħ il-G.S.M., kien li jinstab post alternattiv għall-H.Q. ta' Santa Liena. Il-post b'kamra waħda kien sar żgħir għall-ħtiġijiet tal-



Il-Grupp fl-Annual Parade quddiem Kastilja, il-Belt Valletta nhar il-Ħadd, 4 ta' Mejju, 1997.

Grupp. Ma kienx hemm post fejn isiru logħob u attivitajiet oħra u l-i*Scouts* kellhom jitolbu 'l-awtoritajiet Navali għall-użu ta' wieħed mill-ġibjuni ta' Santa Liena bħal *playing field*. Bdew jiġu kkunsidrati diversi alternattivi. Fosthom, l-iScouts tefgħu għajnejhom fuq biċċa art ħdejn il-*barracks* ta' Verdala. Alternattiva oħra kienet post fi Strada Toro, fejn illum hemm il-klabb tad-Dynamos. L-iScouts daħlu għat-tindif tal-post li qabel kien fabbrika tas-sigaretti, però wara li kienu lesti skoprew li taħt kien hemm ġiebja kbira u ddeċiedew li ma jidħlux f'riskji.

Sadanittant bdew trattativi biex il-Grupp jikri mingħand il-Kurja xi kmamar taħt il-Konservatorju ta' San Ġużepp, fi Pjazza Santa Margherita. Fl-aħħar, il-ħolma tas-Sur Brincat saret realtà u fl-1954, il-Grupp ġarr għall-HQ ta' Santa Margherita. Hawn kellhom tlitt ikmamar imdaqqsin li għalihom kienet titħallas kera ta' Lm35 fis-sena. Ma kenitx xi somma żgħira għal dawk iż-żminijiet u kienet issir fiera kbira kull sena biex tintlaħaq dik iċ-ċifra.

Il-HQ il-ġdid infetaħ uffiċjalment nhar is-Sibt 29 ta' Ottubru 1955. Dakinhar iċ-Chairman tal-Kunsill, A. Scicluna ġie mogħti t-Thanks Badge. Fl-1956, Richard Aquilina, Saviour Richards u Eddie Harmer, kellhom ix-xorti li jkunu l-ewwel Scouts mill-Grupp ta' Bormla li ħadu l-unur ta' *Queen's Scout*. Dawn ġew ippreżentati b'din il-badge waqt Rally li sar apposta fi Pjazza Santa Margherita.

Fl-1957 is-Sur Brincat u t-Troop Leader Saviour Richards, irrappreżentaw lill-

Grupp tagħna fil-Kontinġent Maltai fil-*Jamboree* li sar l-Ingilterra. F'dik is-sena wkoll, is-Sur Brincat ingħata l-*Medal of Merit* mill-Association bħala rikonoxximent "għas-servizz kbir li ta lill-Moviment". Il-midalja ġiet ippreżentata fil-bitħa tal-Palazz mill-Gvernatur Sir Robert Laycock.

Fl-1961, wara seba' snin fil-HQ ta' Santa Margherita, l-iScouts ta' Bormla tefgħu għajnejhom fuq Headquarters ġdid fis-swar tal-Birgu. Is-Sur Brincat jiftakar li l-ħaddiema tal-Gvern kienu għadhom kif lestew mit-tiswija tal-ħsarat tal-gwerra, meta kien għaddej minn ħdejn it-Torri u ra avviż *"To Let"* mal-bieb. Kien avża lill-HQ b'dan minħabba li l-post kien jintuża mill-iScouts tal-Birgu. Il-Leaders tal-Birgu ma kenux lesti li jkomplu bil-Group, għalhekk il-post għadda f'idejn l-iScouts ta' Bormla. Fl-1962 sar l-ewwel Rally fil-post il-ġdid u sentejn wara fi Frar saret laqgħa għaċ-Chief Socut tal-Commonwealth, Sir Charles Maclean, li żar l-HQ. Fl-1964 l-ASM J. Bonnici kien parti mill-kontinġent Maltai għall-*Jamboree* li sar fil-Greċja. L-aħħar Rally taħt id-direzzjoni tas-Sur Brincat sar f'Lulju ta' l-1972. F'dik is-sena seħħet il-mewt għall-għarrieda tas-Sur R. Iles li kien *Commissioner Scout Shop*. Is-Sur Brincat ġie offrut il-post li għadu jokkupa sa llum.

Wara li s-Sur Brincat ġie msejjaħ il-Furjana, il-Group bdiet titmexxa mill-i*Skipper*, is-Sur E. Bonnici. Kull sentejn beda jsir Rally fil-HQ b'temi differenti. Baqa' jissaħħaħ l-ideal ta' l-iScouting fil-Grupp, u l-mod ta' camping taħt it-tined għall-grupp kollu, fl-Għadira, Għajn Tuffieħa u Marsaxlokk.

Fl-1978 infetħet tieqa ġdida għall-grupp tagħna meta l-GSL Bonnici opsita ħandu Scouter Ġermaniż minn Ottobrun, post viċin Munich. Fl-1980, it-tfal tagħna daqu għall-ewwel darba s-safar bħala grupp ta' Scouts meta dawn il-ħbieb ġodda stednuna għal attività ta' l-10 Anniversarju mit-twaqqif tal-Grupp tagħhom. Ħaduna Garmish għal għaxart ijiem *camping* taħt it-tined. Post f'nofs il-muntanji u l-foresti. Għal dan il-kamp attendew 150 Scout mill-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, Franza u Malta. Kellna *canoeing* fix-xmajjar, mixja lejn l-għola muntanja li taqsam bejn il-Ġermanja u l-Awstrija, is-Sugspitx, u bosta attivitajiet oħra. Din il-ħbiberija baqgħet sejra għas-snin ta' wara fejn baqa' jsir bdil ta' scouts miżżewġ gruppi fuq bażi regolari.

Fl-1981 il-Group għadda f'idejn is-Sur V. Harmer. Komplejna nżidu l-apparat tal-camping, b'hekk stajna nżommu l-Grupp, li baqa' dejjem jikber, dejjem attiv bil-kampijiet u attivitajiet oħra. F'dawn is-snin morna kampijiet f'diversi postijiet differenti, fosthom Għajn Tuffieħa, l-Għadira, Wied il-Għajn u Marsaxlokk. Bla dubju ta' xejn l-isbaħ kampijiet li morna kienu dawk ta' żmien il-Għid, fil-ġonna tal-Palazz Verdala, il-Buskett, li sfortunatament m'għadux miftuħ għall-iScouts. Dawn l-aħħar żminijiet għamilna ħbieb ġodda minn Neuenrade, post lejn Dusseldorf

fin-naħa ta' fuq tal-Ġermanja. Saru diversi żjajjar kemm minn dan il-grupp u kemm minn Scouts tagħna lejn il-Ġermanja.

Il-Grupp tagħna kien strumentali fit-twaqqif tal-Groups ġodda tal-Fgura, Tarxien, Żabbar, u tal-Guide Company ta' Bormla.

Is-sena 1992 kienet waħda attiva ferm għall-Grupp. Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-75 Anniversarju, ospitajna grupp ta' scouts Ġermaniżi fi żmien il-Għid, saret Reunion għall-Iscouts kollha li kienu membri tal-Group. Saret żjara minn grupp ta' 21 scout fil-Ġermanja u Quddiesa ta' Ringrazzjament, fejn ġew mistiedna l-gruppi tad-Distrett kollha. F'Rally li sar f'Settembru ġewwa l-HQ, is-Sur John Brincat ġie maħtur GSL onorarju tal-Grupp. F'din is-sena wkoll, dħalna għax-xogħol fl-ex-Wireless Station tan-Navy fr-Rinella, li nbidlet f'campsite u activity centre għall-iScouts tad-Distrett.

Fiż-żmien il-membri tal-Group kienu kważi kollha minn Bormla, iżda kellna ħabta grupp tajjeb ta' tfal mill-Birgu. Bdew deħlin tfal mill-Kalkara u aktar tard mill-Fgura. Illum tista' tgħid li l-istorja hi differenti. Għalkemm hawn numru ta' tfal joqogħdu Bormla, huma bosta dawk il-membri li ġejjin minn Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar u x-Xgħajra. Tajjeb li wieħed jgħid li għalkemm dawn ma joqogħdux Bormla, issib li l-ġenituri huma Bormliżi u aktarx li l-missier kien membru fil-Grupp tagħna. Jidher li meta għenna biex jinfetħu l-Gruppi ta' Scouts fil-Fgura u Ħaż-Żabbar, dawn ma tellfu xejn fid-dħul ta' tfal minn dawn il-lokalitajiet fil-Grupp tagħna. F'dawn is-snin il-Group u l-membri tiegħu baqgħu jiġu onorati mill-ogħla awtoritajiet ta' l-iScouts fil-gżira. Fl-1995 il-GSL Harmer ġie mogħti l-Gilt Cross għas-sehem li ta meta pprova jsalva l-ħajja ta' oħtu Doris minn marda qerrieda. Fl-istess sena d-D.C. E.L. Bnnici, ex-GSL, ġie mogħti l-Medal of Merit, għax-xogħol siewi u ta' bosta żmien li wettaq fl-iscouting. Fl-1955 is-Sur Leslie Bonnici, ex CSL tal-Grupp ġie mogħti s-Silver Cross għas-sehem li ta waqt is-salvataġġ tal-ħaddiema tat-Tarzna, fl-isplużjoni fuq l-Al Farouk fi Frar 1995.

Għal din it-80 sena mit-twaqqif tal-Grupp ġiet organizzata Reunion u Campfire għall-ex-membri, Rally Kommemorattiv, u ikla fil-HQ, l-ex-membri ġew mistiedna *weekend* fil-Kamp tas-Sajf li sar Marsaxlokk, inxtraw sett tined, ġie stampat ktejjeb ta' l-okkażjoni u Church Parade fit-toroq ta' Bormla fi żmien il-festa tal-Kunċizzjoni.

Illum, għalkemm il-Group iħaddan fih lil tfal minn diversi parroċċi tal-madwar, għadna nżommu f'qalbna l-konnessjonijiet b'saħħithom mal-belt ta' Bormla. Nisperaw li l-Group jibqa' dejjem ħaj f'qalb il-Bormliżi, mhux biss bil-memorji tal-passat, imma speċjalment bis-sħubija ta' aktar tfal minn Bormla fil-Group.

**Victor Harmer**